MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-25 ta' Frar, 2013

Avviz Numru. 406/2012

**Master Distributors Limited (C 2837)**
**vs**
**Bar Celona Beach Co. Ltd. (C 52674)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tas-socjeta’ attrici pprezentat fir-Registru ta’ din il-Qorti nhar il-5 ta’ Dicembru 2012 fejn talbet lil din il-Qorti tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta thallasha erbat elef u tlieta u disghin Ewro u erbgha centezmi (€4,093.04) rapprezentanti ammont lilha dovut ghall-merkanzija mibghuta u kkonsenjata lis-socjeta’ konvenuta.

Bl-ispejjez tal-prezenti, tal-mandat ta’ Qbid Numru 3269/12 CP prezentat kontestwalment, tal-ittra ufficjali numru 1220/12 mahruga skont Artikolu 166A tal-Kap 12 u bl-imghax legali mill-24 ta’ Mejju 2012, data ta’ l-ahhar konsenja sal-effettiv pagament, kontra l-intimata li hija minn issa ngunta in subbizzjoni.

Rat illi s-socjeta' konvenuta kienet debitament notifikata skond riferta pozittiva tal-Marixxall John Francica datata 8 ta' Frar 2013 fol. 9 tergo tal-process.

Illi fis-seduta tal-20 ta' Frar 2013 is-socjeta attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tas-socjeta' intimata.

Rat ukoll illi f'din l-istess seduta tal-20 ta' Frar 2013 is-socjeta' attrici pprezentat nota ta' riduzzjoni fejn irriduciet is-sorte ghas-somma ta' tlett elef u tnejn u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€3,042.28) stante li fil-mori tal-kawza sar pagament.

Rat illi fis-seduta tal-25 ta' Frar 2013 is-socjeta' konvenuta giet imsejha izda ma dehritx, la biex tikkontesta t-talba rikorrenti u lanqas biex tirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant, il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

Il-Qorti, ghalhekk qieghda tilqa' it-talba attrici u tikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tlett elef u tnejn u erbghin ewro u tmienja u ghoxrin centezmu (€3,042.28) ghar-ragunijiet indikati fir-rikors, bl-imghaxijiet legali jibdew jiddekorru mill-24 ta' Mejju 2012 u cioe' d-data tal-ahhar konsenja li saret mis-socjeta' attrici lis-socjeta' konvenuta.

**Bl-ispejjez inkluz dawk konnessi mal-mandat ta' qbid numru 3269/12 u l-ittra ufficjali numru 1220/12 kontra s-socjeta' konvenuta.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------